MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2012

Numru. 385/2010

Il-Pulizija
(Sp Sandra Zammit)
vs
Markus Diamandidis, iben Costantino, imwieled Pieta’ fl-24 ta’ Diċembru, 1971, karta ta’ l-identita numru 34172(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli fis-6 ta’ Awwissu, 2009 għal ħabta tal-4.30 p.m. fi Triq San Bastjan, Qormi saq il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni FBH 854:
B’nuqqas ta’ ħsieb, bi traskuragni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni tiegħu jew b’nuqqas tat-tħaris tar-regolamenti tat-trafiku, tajjar lil Grace Said li kienet qegħda taqsam u involontarjament ikkaġunalha feriti ta’ natura gravi skont ma ċċertifikaw Dr. Ryan Giordmaina M.D. u Dr. Samantha Muscat.

Il-Prosekuzzjoni tablet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata milli tieħu jew ikollha ebda liċenzja tas-sewqan għal ħerjodu ta' żmien li din il-Qorti jidrilha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Illi fil-mori tal-kawża l-Qorti ġiet infurmata li l-imputat miet fit-13 ta' Frar, 2012.

Rat iċ-ċertifikat tal-mewt ta' l-imputat.

Għaldaqstant, tiddikjara l-proċediment estint.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------